**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors numru : 82/17 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata, u cioe' lil C B permezz ta' cerimonja religjuza;

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom wild wiehed, u cioe' lil N B, illi llum hi maggorenni;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat erbgha (4) ta' Ottubru, tas-sena

elf, disa' mija, wiehed u disghin (1991), liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala DOK A;

**4. Illi ma hemm ebda pendenza ta'manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimata;**

5. Illi filfatt ghaddew ferm oltre erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

**6.** Illi **<u>ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet</u>**

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

I. **TIDDIKJARA** z-zwieg tar-rikorrenti ma' C B mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

II. **TORDNA** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Ottubru 1991;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.